# LIL GALILEO GALILEI

*Ta'* KARMENU MALLIA, S.J.

Fiż-żifna tal-kwiekeb
Ġol-ħġieġ li sawwart,
Imbissem għall-kobor
Li wara ħabbart,
Fil-ġirja mal-medda
Tas-sema bla qies,
Imgħaġġeb b'dil-ġnejna
Li qatgħet kull jies
Lil min ried jaħdimha
Bla mgħażqa u bla fies,

X'qalulek, x'tarrfulek,
Kif kienu hemm ħdejk
Jilmaw bħall-kristalli
Maħfuna f'idejk?
X'għallmuk fuq il-qedem?
X'bassrulek f'li ġej?
Nistħajjel li saħħrek
Ilsienhom għannej,
Għaxxqitek il-ħlewwa
Ta' kliemhom mexxej.

Ħabbejthom, ħabbejthom,
Ħabbejthom bis-sħiħ
'L uliedek hekk ħelwa,
'L uliedek hekk sbieħ.
Nistħajlek li rajthom
Xi darba flimkien
Jifirħu għax twieldet
Oħt oħra; u biż-żmien
Ta' kewkba oħra xiħa
Rajt difna, ħosbien.

Tħabbibt ma' l-iljieli
U shart fl-għaxijiet
Biex tkellem bla taqta'
Liċ-ċkejkna fis-skiet;
U kont issejħilhom
Biex jinbtu fil-ħin
Bħal fosfru li joħroġ
Mill-oqbra mdallmin
Ta' qalbek ferħana
B'daqqiet imgħaġġlin.

Fid-dwejjaq tal-ġlieda,
Fil-hemm tat-tjassir,
Kont ħarstek issammar,
Kien ħsiebek itir
Fid-dwal ta' ġos-sema
Li serrħu 'l għajnejk
U ħaffu mit-toqol
Li neżża' 'l ħaddejk.
Kont tara f'surithom
Min ħalqek hemm ħdejk.

---